

2) *Agricola J.M., SL hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 14, 16.1.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2018 – Domestic Sweden vs EUIPO (MOBILE LIVING MADE EASY)**

(Kawża T-235/17) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea MOBILE LIVING MADE EASY — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001)”*

(2018/C 166/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Domestic Sweden (Solna, l-Isvezja) (rappreżentanti: R. Furneaux u E. Humphreys, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Sakalaite-Orlovskiene u J. Ivanauskas, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-13 ta' Frar 2017 (Każ R 1832/2016-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjala verbali MOBILE LIVING MADE EASY bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Dometic Sweden AB hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 195, 19.6.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2018 – Pio De Bragança vs EUIPO – Ordem de São Miguel da Ala (QUIS UT DEUS)**

(Kawża T-229/16) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea QUIS UT DEUS — Assenza ta' applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark — Tħassir tat-trade mark mal-iskadenza tar-reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”*

(2018/C 166/38)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Duarte Pio De Bragança (Sintra, il-Portugall) (rappreżentant: J. Sardinha, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ordem de São Miguel da Ala (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentant: J. Motta Veiga, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Frar 2016 (Każ R 621/2015-2), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Duarte Pio De Bragança u Ordem de São Miguel da Ala.

### Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess.

(<sup>1</sup>) ĠU C 270, 25.7.2016.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2018 – Kik Textilien und Non-Food vs EUIPO – FF Group Romania (\_kix)

(Kawża T-822/16) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea \_kix — Revoka tad-deċiżjoni kkontestata — Tilwima li titlef l-iskop tagħha — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Artikolu 173(1) u (2) tar-Regoli tal-Proċedura — Intervent mill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell — Risposta ppreżentata wara l-iskadenza tat-terminu”)*

(2018/C 166/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: KiK Textilien und Non-Food GmbH (Bönen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Körber u L. Pechan, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Zajfert u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: FF Group Romania SRL (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: A. Cavescu, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Settembru 2016 (Każ R 2323/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn KiK Textilien und Non-Food u FF Group Romania.

### Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.